MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Numru. 395/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**Vs**
**Christian Attard ta' 30 sena, bin Anthony u Anna nee' Bone, imwieled Pieta', nhar it-22 ta' April 1982, residenti 48, Flat 4, Triq San Frangisk, Floriana detentur ta' karta ta'l-identita' numru 234482(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christian Attard akkuzat talli:

1. Nhar il-14 ta' Marzu 2011 ghal habta tan-00.30hrs gewwa l-istabbiliment Havana, Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC1003 David Anthony

Monaco, PC319 Edward Floyd Bugeja u PC811 Sergio Charles Pisani, membri tal-Korp tal-Pulizija waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtortita' kompetenti.

2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ngurja jew hedded jew ghamel offiza fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezza fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u cioe' fuq il-persuna ta' PC1003 David Anthony Monaco, PC319 Edward Floyd Bugeja u PC811 Sergio Charles Pisani .

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi volontarji ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC811 Sergio Charles Pisani u dan skond kif iccertifika Dr.C. Refalo M.D. Reg. No.3235 mill-isptar Mater Dei;

4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi pejjep prodott tat-tabakk f'zona maghluqa ghaliha;

5. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija;

6. Aktar talli kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tal-14 ta' Marzu 2011 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi minn qari ta'l-akkuza jidher illi l-imputat qed jigi addebitat b'mod ewlieni bir-reati konnessi mal-ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici u precisament bir-reati ikkontemplati fl-artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ufficjali tal-pulizija involuti f'dana l-incident huma l-kuntistabbli 1003 David Anthony Monaco, PC319

Edward Floyd Bugeja u PC811 Sergio Charles Pisani. Jidher illi dana l-incident inqala' minhabba l-fatt illi l-imputat inqabad ipejjep gewwa stabbiliment pubbliku minn dawn it-tlett ufficjali tal-pulizija. Huwa gie imwaqqaf u mitlub jaghti l-particulars tieghu. L-imputat ma kellux *identification document* fuqu u ghalhekk huwa taha in-numru tal-karta ta'l-identita lil PC1003 li hareg barra sabiex jivverifika jekk l-imputat kienx tah in-numru tajjeb. Izda sakemm dar lura, jidher illi inqala' xi disgwid bejn l-imputat u iz-zewg ufficjali tal-pulizija l-ohra. Dawn l-ufficjali ighidu illi l-imputat beda ighajjat u jidghi, sar aggressiv u anke beda jimbutthom. Minhabba f'dana l-atteggjament l-imputat kellu jigi imrazzan u sussegwentement gie arrestat. Kien f'dana il-mument, meta l-imputat kien qieghed jirresisti l-arrest illi l-kuntistabbli 811 sofra xi griehi f'subajgh. Il-kuntistabbli 811 ighid illi l-imputat beda ighajjat u jidghi u iheddidhom illi kien relatat ma' persuna kunjomu Bone li qed jissemma fuq l-ahbarijiet u li ghalhekk huma ma jafux ma min qed ighamluha.[1] Il-kuntistabbli 1003 ukoll ighid illi ra lill-imputat jargumenta mal-PC811 u jimbottah fost hafna ghajjat, kliem hazin u dagha.[2] Il-kuntistabbli 319 ukoll jikkonferma illi huwa osserva lill-imputat ighajjat u jidghi f'wicc il-pulizija. Osserva illi huwa kien agitat hafna u anke imbotthom. Isemmi ukoll li heddidhom billi semma l-persuna kunjomha Bone li hija relatata mieghu.[3]

L-imputat, minn naha tieghu, kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija kif ukoll meta jixhed il-Qorti, jinnega illi huwa refa idejh fuq il-pulizija u jistqarr illi huwa kull ma ghamel kien illi pogga idejh fuq spalla wiehed mil-pulizija, meta dana beda ighajjat mieghu u qallu biex ma jerfax idejh fuqu. Hawnhekk huwa stess jammetti illi irritalja u beda ighajjat ukoll. Il-pulizija ghalhekk immanettjawh u ipprocedew sabiex jarrestawh. Ighid illi f'dik il-lejla huwa kien hareg mal-habib tieghu Dr. Clifton Grima li f'dak il-hin ma kienx mieghu.

[1] Ara xhieda a fol.24.
[2] Ara xhieda a afol.27.
[3] Ara xhieda a fol.32

Fil-fatt l-Qorti semghet ukoll ix-xheida ta’ Dr. Clifton Grima li ighid illi ghalkemm ma kienx prezenti ghall-incident madanakollu l-ghada fil-ghodu huwa irnexxielu jara il-filmati tac-CCTV li hemm fl-istabbiliment Havana sabiex jipprova jistabbilixxi dak li kien gara. Dawn il-filmati madanakollu qatt ma gew esebieti in atti u kwindi dak li ighid ix-xhud huwa biss rakkont tieghu ta’ dak li ighid li osserva f’dawn il-filmati. Illi ix-xhud ighid illi f’hin minnhom wara li l-pulizija iwaqqfu lill-imputat u jitolbuh il-particulars, huwa josserva pulizija hiereg ‘il barra u jabqad xi apparat telefoniku u icempel. Wara dana ighid illi josserva pulizija iehor isabbat lill-imputat ma’ bieb tal-hgieg jilwilu idejh fuq in-naha ta’ wara ta’ daru u jimmanettjah. Wara dana huma johorgu ‘il barra u l-imputat jigi arrestat. Il-filmat ma ghandux sound u kwindi ma jisma’ xejn mil-konversazzjoni jew argumenti li jigu skambjati bejn il-pulizija u l-imputat. Illi l-Qorti tosserva illi dak li jirrakonta dana ix-xhud li osserva f’dawn il-filmati ma huwiex ghal kollox rifless fix-xhieda ta’l-imputat u fl-istqarrija rilaxxjata minnu. Dana qed jinghad ghaliex imkien fix-xhieda tieghu u wisq anqas fl-istqarrija li tittihiedlu *a tempo vergine* ma ighid illi kien hemm xi pulizija li sabbtu mal-bieb tal-hgieg, lwielu idejh u immannettjah. Lanqas jidher illi gie osservat dak li ighid l-imputat li huwa pogga idejh fuq l-ispalla tal-pulizija kif jikkontendi hu.

Wara li gie immanettjat l-imputat ittiehed lejn il-vann tal-pulizija li kien ipparkeggjat vicin l-istabbiliment tal-Burger King. L-imputat ighid illi wara li hallewh ghal xi ftit tal-hin gewwa l-vann gie pulizija iehor li beda jakkuza li kien tkessah mal-pulizija u hu cahad li ghamel dan. Wara harguh, qieghduh f’karozza ohra tal-pulizija u haduh lejn l-ghassa fejn hemm saret tfittxija fuqu u wara gie interrogat. L-imputat jichad illi huwa ingurja jew hedded lil xi hadd mil-pulizija jew li aggrediehom jew uza xi forza fuqhom. Jichad ukoll dak li jallegaw il-pulizija illi huwa imbotthom.

Ikkunsidrat,

Illi irid jigi puntwalizzat mill-bidu nett illi hemm distinzjoni netta bejn iz-zewg reati li huma inkorporati fl-ewwel zewg

akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputati, ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi **l-artikolu 95** jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

**"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."**

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku. F'sentenza moghtija

mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Borg jinghad:

**"*Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio*."**

**L-artikolu 96**, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Mamo ikompli ighid:

**"*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"** Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu iwasslu ghal htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun libsa uniformi jew xi marka

jew sinjal li turi il-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu ix-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti il-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana ir-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: **"*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."**

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

**"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz*".**

Ikkunsidrat,

Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi dana l-incident inqala' fuq xi haga trivjali  u seta' jigi evitat li kieku l-imputat ikkopera mal-pulizija minghajr hafna diskors zejjed u mossi zejda ukoll. Illi ghalkemm l-imputat jikkontendi illi huwa gab ruhu sew mal-pulizija u kull ma ghamel kien illi ghamel idu fuq l-ispalla ta' wiehed mil-pulizija, madanakollu il-Qorti ma tistax temmen illi imgieba bhal din setghet eskalat u wasslet ghall-arrest tieghu. L-imputat

stess jammetti fl-istqarrija tieghu illi meta l-pulizija qallu beix ma jerfax idejh fuqu u beda ighajjat mieghu, huwa beda ighajjat mieghu ukoll. Allura jirrizulta bhala fatt illi huwa gholla lehnu mal-pulizija meta ma messux ghamel dan anke jekk dehrlu illi l-pulizija ma kienux qed jagixxu sew mieghu. Kwindi il-Qorti ma ghandhiex dubbju illi fl-istat li kien fih l-imputat u wara li kien ikkonsma ammont ta' xorb alkoholiku, ma kienx qed jirraguna meta gustament gie imwaqqaf mil-pulizija ghaliex kien qieghed jikser il-ligi u ipejjep gewwa stabbiliment meta ma setax jaghmel dan. Minflok skuza ruhu u obda il-pulizija ghazel li jibda ighajjat u holoq kommozzjoni shiha. It-tlett pulizija jikkonfermaw illi l-imputat kien fi stat agitat, beda ighajjat u jimbotthom u anke beda isemmi persuna b'isem partikolari u iheddidhom bih. Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti u maghmula l-esposizzjoni legali tad-disposizzjonijiet tal-ligi li fuqhom huma ibbazati l-akkuzi, ma hemmx dubbju illi l-fattispecje ta' dana il-kaz  jinkwadraw ruhhom b'mod precis f'dak dispost fl-artikolu 96 tal-Kapitolu 9.

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta'l-offiza volontarja fuq il-persuna tal-PC811. Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta illi dawn il-griehi sehhew meta dana il-kuntistabbli kien qed jipprova jaghmel il-manetti lill-imputat u billi l-imputat kien qieghed jissara mieghu huwa fekkek subajgh. Ghaldaqstant l-imputat ma ikkagunax dawn il-griehi volontarjament b'intenzjoni pozittiva u diretta. Ma hemmx dubbju illi dawn il-griehi gew ikkagunati b'mod accidentali u kwindi l-Qorti ser issib htija biss ghal offiza involontarja ta' natura hafifa.

Illi l-ahhar tlett akkuzi huma kollha ta' natura kontravvenzjonali. Illi fuq ir-raba akkuzi jidher illi dina hija ammessa mil-imputat li ighid illi huwa kien qieghed ipejjep meta gie imwaqqaf mil-pulizija. Illi m'hemmx dubbju ukoll illi l-imputat naqas milli jobdi l-ordnijiet tal-pulizija, meta huwa beda jigi imwissi sabiex jikkalma u ma ikompliex fl-agir tieghu.

Illi dwar l-ahhar akkuza tal-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika ghandu jinghad is-segwenti. Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi dana l-incident sehh f'post pubbliku ta'

divertiment gewwa Paceville. Illi huwa fatt ippruvat illi l-imputat beda ighajjat u jagita ruhu tant illi kellu jigi imrazzan mil-pulizija. Illi l-Qorti sejra taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta’ Novembru, 1999 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Maria Concetta Green’ (Volum LXXXIII Part IV paġina 441):

‘***L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ ‘breach of the peace’. L-elementi ta’ dan ir-reat ġew eżaminati funditus f’diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta’ nkwiet jew tħassib f’moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita’ ta’ persuna jew dwar l-inkolumita’ ta’ proprjeta’, kemm b’riżultat dirett ta’ dak l-għamil jew minħabba l-possibilita’ ta’ reazzjoni għal dak l-għemil.***

***L-iskambju ta’ kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x’jindika li dak l-argument jista’ jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta’) ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.***’

Illi ma hemmx dubbju illi fil-kolluzzjoni li kien hemm bejn l-imputat u l-pulizija ghalkemm inghad xi kliem ta’ theddid fejn l-imputat anke gholla lehnu mal-pulizija u imbotthom, madanakollu l-Qorti ma tistax tirriavisa il-kuncett tal-“breach of the peace” kif spjegat fis-sentenza hawn fuq citata u sottolinjata fil-gurisprudenza tal-qrati taghna, iktar u iktar meta dana l-incident sehh f’post mimli storbju. Jidher illi l-ebda persuna ohra ma intervjeniet ghalkemm fil-post ikun hemm anke diversi nies tas-sigurta’. Kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni qabel xejn il-fedina penali nadifa ta’l-imputat. Illi ghalkemm il-Qorti hija tal-fehma illi

r-reazzjoni ta'l-imputat kienet wahda sproporzjonata u esagerata, madanakollu ma hemmx dubbju illi piena karcerarja f'dana il-kaz ma hijiex wahda idonja. L-imputat stess jammetti illi huwa kien qieghed ipejjep f'post pubbliku u kwindi kieku r-reazzjoni tieghu kienet wahda ta obbidjenza fil-konfront tal-ufficjali tal-pulizija, dana l-incident seta jigi evitat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 96, 226(1)(c), 338(ee), 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-Regolament 3(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 315.04 filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni u is-sitt akkuzi, issibu hati tal-kumplament u fir-rigward tat-tieni akkuza issibu hati biss ta' offiza ta' natura involontarja, izda fid-dawl tal-konsiderazzjoni maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum. Inoltre tikkundannah ihallas multa ta' €233.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta' liberta kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------